GĦASRI

Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/40*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 40 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru, 2011 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

**1. Talba**
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti**.
Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**3. Tender 1/2011 - Bankina fi Triq il-Fanal.**
**Nota**: Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff iddikjara li hu għandu nteress f'din it-Tender u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni biex jimxi skond id-dispożizzjoni tal-Artiklu 19 tal-Att. Dwar Kunsilli Lokali 1993 kif emendat.

Id-diskussjoni tkompliet għalhekk bl-erba' membri l-oħra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien hemm tliet applikanti għal din it-Tender viz:

Tender For :

***Reconstruction of Pavement in Lighthouse Street***

Contract No. - 1/2011-Pavement Lighthouse Str
Closing Date - Friday, 26th August at 11.30a.m.
*Schedule of Tenders Submitted*

| Tenderer | Amount |
|---|---|
| Mario Bugeja | Euro 11320.50 |
| A & E Mintoff Ltd | Euro 7169.40 |
| Road Construction Co Ltd | Euro 9246 |

______________________________ ______________________________
(Iff) Andrew Vella Mayor (Iff) Carmel Grima A/ Exec Sec

______________________________ ______________________________
(Iff) Emanuel Mintoff (Iff) Stephen Moon

______________________________ ______________________________
(Iff) Mario Bugeja (Iff) Louis Grima

Iff) Marvie Attard Briffa

Il-Kunsill iddiskuta din it-Tender u ddikjara li għandha tingħata lill-irħas offerent, i.e. lil A&E Mintoff Ltd għas-somma ndikata.

**4. Attendenza**.
Il-Viċi Sindku reġa' kompla fid-diskussjoni tal-Laqgħa tal-Kunsill u b'hekk il-membri kollha ħadu sehem fid-diskussjoni sakemm ntemmet il-Laqgħa.

**5. Jum L-Għasri.**
Is-Sindku ressaq il-Programm għal Jum L-Għasri kif jidher hawn taħt:-
Data: Nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2011
Ħin: Fis-6:30pm Quddiesa konċelebrata fil-Knisja Parrokkjali
Post: Fi Pjazza s-Salvatur
Minflok il-Bibita tas-soltu ser isir ikla għar-residenti tal-Għasri. Il-prezz tal-ikla ikun sussidjat u b'hekk l-individwi jħallsu €10 għall-Kbar u €6 għaż-żgħar.
Il-Kunsill għandu jistieden lill-Kantant Mario Caruna.

**6. Korrispondenza**
6.20 Memo 81/2011 – Bankini għall-użu ta' siġġijiet bir-roti

**7. Day Centre għall-anzjani.**
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt il-ġdid għad-Day Centre ser jiġi ffirmat nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru 2011 f'Għajnsielem.

**8. Double Yellow Lines fejn ta' Vigu.**
Frankie Formosa talab li jsiru Double Yellow Lines fejn ta' Vigu. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u ġie deċiż li napplikaw għal 'NO PARKING' sign. Il-Kunsill għandu japplika lil Transport Malta biex jitpoġġew t-Tabelli 'NO PARKING'.

**9. Ħofra quddiem Lighthouse Supermarket.**
Joseph Farrugia talab biex hemm ħofra żgħira quddiem Lighthouse Supermarket tiġi ppeċċjata. Din ġiet approvata unanimament.

**10. STOP Sign f'tarf Triq Wied Sara.**
Il-Kunsill kellu talba biex issir STOP sign fil-bidu ta' Triq Wied Sara. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li nitolbu għaliha lil Transport Malta.

**11. Kuntratt tal-Knis tat-Toroq urbani.**
Frankie Formosa lmenta li l-Kennies mhux jiknes Triq il-Fanal regolarment bil-konsegwenza li qed jitħalla materjal li suppost jinġabar. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Kuntrattur u niġbdulu l-attenzjoni f'dan ir-rigward.

**12. Bozoz ta' barra maħruqa.**
Il-Kunsill kellu diversi lmenti dwar id-dawl tat-toroq. Inġibdet l-attenzjoni kemm-il darba iżda l-kuntrattur baqa' ma ħax il-passi meħtieġa biex tissolva l-problema. Is-Sindku għandu jerġa' jkellem lill-Kuntrattur ħalli nevitaw dawn l-ilmenti.

**13. Applikazzjonijiet għat-tagħlim tal-Computer**
Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien hemm 19-il applikazzjoni għat-tagħlim bażiku tal-Computer. Il-Lezzjonijiet qed isiru minn Stephen Moon u l-parteċipanti qed jinteressaw ruħhom f'dan it-tagħlim.

**14. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Għasri**
Is-Sindku s-Sur Andrew Vella nforma lill-Kunsill li wasal iż-żmien li naħtru Segretarju Eżekuttiv minflok l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Carmelo Grima. Hu spjega li s-sistema għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv inbidlet u meta Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill ikun interessat li jmur f'Kunsill fejn hemm vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv, dan jista' japplika billi jikteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku kompla jgħid li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija huwa nteressat li japplika għal din il-kariga u għalhekk qed iressaq mozzjoni verbali biex dan il-Kunsill jirrakkomanda lid-Direttur biex is-Segretarju tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija s-Sur Ruben Cassar jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv ta' dan il-Kunsill Lokali. Il-mozzjoni kienet sekondata mill-erba' kunsilliera l-oħra u għaddiet unanimament. L-Aġent Segretarju Carmelo Grima għandu jikteb lid-Direttur u jinfurmah b'din il-mozzjoni.

**14. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2011 fis-6.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.30p.m.

Andrew Vella
Sindku

Carmelo Grima
A/Segretarju Eżekuttiv